**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 394/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Alain Grima**
**(ID 143283(M))**

**Illum, 26 ta' Settembru 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alain Grima ta' 27 sena, iben Mark Anthony u Rita nee` Mousu, imwieled Attard fil-15 ta' Dicembru 1982, residenti 34, Poole, Triq l-Gharix, Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 143283(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Frar 2010 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (MCPP)[1] minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif

[1] B'digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-22 ta' Ottubru 2013, giet ordnata korrezzjoni fl-akkuza u dan fis-sens illi l-kelma "*ecstasy*" kellha tigi sostitwita bil-kelma "*MCPP*" (ara a fol. 33 tal-process).

emendati u b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Novembru 2012, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.[2]

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa f'dan il-kaz sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Nhar il-11 jew it-12 ta' Frar 2010[3], ghall-habta tal-5.05 p.m., l-imputat gie mwaqqaf minn membri tal-Forzi Armati gewwa c-Cirkewwa waqt *road checks* u dan meta huwa kien fi triqtu lejn Ghawdex, fejn kien ser jigi ccelebrat il-Karnival. Skont ix-xhieda ta' 86101 Sgt. Jonathan Galdes, fil-presenza ta' 87013 Gnr Zerafa, huwa ghamel tfittxija fil-vettura Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni ALN888, misjuqa mill-imputat odjern, waqt liema tfittxija huwa sab sustanza suspettata raza tal-*cannabis* u tlettax-il pillola suspettati li kienu *ecstasy*.[4] Da parti tieghu, Gnr Sean Zerafa xehed illi waqt it-tfittxija li saret lill-imputat mis-Surgent Galdes, instabet sustanza suspettata raza tal-*cannabis* taht is-*seat* tax-xufier ossia tal-imputat u tlettax-il pillola suspetta *ecstasy* fil-*boot* ta' wara tal-vettura.[5] Dawn ir-*road checks* kienu qeghdin isiru in vista tal-fatt illi gewwa Ghawdex kien ser jigi

[2] B'digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta' Novembru 2012, giet ordnata korrezzjoni fiz-zewg imputazzjonijiet u dan fis-sens illi wara kull imputazzjoni, kellhom jizdiedu l-kliem "*liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu*" (ara a fol. 7 tal-process).
[3] Dwar id-data tal-kaz, il-Qorti ser taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il quddiem.
[4] Ara a fol. 19 sa 21 tal-process.
[5] A fol. 22 sa 25 tal-process.

ccelebrat il-Karnival. Kif jirrizulta mix-xhieda ta’ PS 1220 Chris Baldacchino, jirrizulta wkoll illi huwa kien mar sabiex jassisti lill-membri tal-Forzi Armati u nghata *hand over* ta’ tlettax-il pillola suspettati *ecstasy* u bicca raza tal-*cannabis* li skont ma nghad lilu nstabu rispettivament fil-*luggage boot* tal-vettura u taht is-*seat*. Din il-*hand over* nghatat lilu mis-Surgent Galdes u mill-Kaptan Ebejer, liema sustanzi mbaghad gew mghoddija lill-Ispettur Dennis Theuma.[6]

L-Ufficjali tal-Armata li xehdu f’dawn il-proceduri, PS 1220 u anke l-Kaptan Jason Ebejer li kien prezenti fil-lok fejn saret it-tfittxija u li jghid illi dawn is-sustanzi gew mghoddija lilu dak il-hin[7], ilkoll gharfu Dokument DT 1, esebit mill-Ispettur Theuma f’dawn il-proceduri, bhala s-sustanzi in kwistjoni.

Skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[8], huwa nghata dokument ghall-analizi tieghu li kien jikkonsisti fis-segwenti: *Envelope* kannella mmarkat bhala S/B/42/2013 li fih: i) borza tal-plastik trasparenti mmarkata bhala DT1 li fiha i) karta bil-kliem ‘Data 12-2-10 Hin 5.05pm Elevat/i minn Resin 28.7 grams Pink Love Logo Ecstasy – 13 pills fil-prezenza ta’ Alain Grima 143283(M) minn AFM No. 86101 87013’ ii) sustanza ta’ lewn kannella iii) karta ta’ *Handing/Taking Over Certificate* iv) pakkett tas-sigaretti *Marlboro* vojt v) borza li kien fiha 13-il pillola ta’ lewn roza. Dwar dawn is-sustanzi, l-istess espert ikkonkluda:

a) Illi fl-estratt mehud mill-pillola li giet analizzata fl-istess dokument, instabet is-sustanza *meta-clorophenylpiperazine (mCPP)*. In-numru total ta’ pilloli kien ta’ 13. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta’ lewn kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta’ 29.04 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 12%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fix-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri, l-istess espert jghid illi ghalkemm il-pilloli in kwistjoni huma differenti hafna mill-pilloli *ecstasy*, biss fl-effett taghhom jixbhu lil dawn il-pilloli, u anke fl-apparenza taghhom jixtibhu hafna, tant illi jistghu jinbieghu wkoll bhala *ecstasy*. B’referenza ghall-pilloli *ecstasy*, l-istess espert jghid illi minn studji li saru fuq diversi persuni, bhala kwantita`, f’lejl wiehed jista’

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 28 sa 30 tal-process.
[7] Ara x-xhieda tal-Kaptan Ebejer a fol. 16 sa 18 tal-process.
[8] Esebita a fol. 38 sa 48 tal-process.

jiehu bejn hames u seba' pilloli. Fir-rigward tal-*cannabis*, imbaghad, mistoqsi dwar il-konsum normali ta' din is-sustanza minn persuna f'gurnata, huwa jghid illi bhala konsum il-medja hija ta' 0.2 grammi.[9] Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kellha l-intenzjoni li terga' tharrek lill-espert sabiex ikompli jixhed dwar il-konsum tad-droga in kwistjoni, biss l-istess espert ma regax xehed f'dawn il-proceduri.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-13 ta' Frar 2010 wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u wara li gie moghti d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt madankollu huwa ghazel li ma jezercitahx.[10] L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.[11]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi l-ufficjali tal-Armata li xehdu f'dan il-kaz ossia 86101 Sgt Jonathan Galdes u Gnr Sean Zerafa, jghidu illi l-kaz odjern sehh nhar il-11 ta' Frar 2010, fil-5.05 p.m. PS 1220 Chris Baldacchino jirreferi wkoll ghal din id-data bhala d-data li fiha huwa mar biex jassisti lill-membri tal-Armata waqt ir-*road checks* u ha *hand over* tas-sustanzi in kwistjoni. Da parti tieghu, l-Kaptan Ebejer ma jsemmix dati, izda biss il-hin li fih gie mwaqqaf l-imputat odjern. Min-naha l-ohra, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-13 ta' Frar 2010, meta gie ssuggerit lilu illi "*l-bierah int kont tiela ghawdex ghal Karnival*", l-imputat iwiegeb fl-affermattiv. Skont din id-dikjarazzjoni tal-imputat, allura dan ifisser illi huwa twaqqaf u nstab fil-pussess tas-sustanzi in kwistjoni fit-12 ta' Frar 2010. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat ukoll jghid illi kien il-jum tal-Gimgha meta sehh il-kaz odjern, u ghalhekk it-12 u mhux il-11 ta' Frar 2010. In oltre kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, il-*label* kontenuta fl-esebit Dok. DT 1, ukoll tirreferi ghad-data tat-12 ta' Frar 2010 u ghall-hin tal-5.05 p.m. Il-Qorti rat ukoll dak li x-Xjenzat Godwin Sammut jirreferi ghalih bhala *Handing/Taking Over Certificate* fir-relazzjoni tieghu, liema dokument kien jifforma parti mill-esebit Dokument DT 1. Dan id-dokument, li jindika d-dettalji kollha tat-tfittxija, inkluz illi l-*handing over* sar mill-Kaptan Ebejer lill-Pulizija, jgib id-data tat-12 ta' Frar 2010. Minn dan kollu, il-Qorti tikkonkludi illi t-tfittxija u s-sejba in kwistjoni saret fit-12 ta' Frar 2010 u mhux fil-11 ta' Frar 2010.

[9] A fol. 34 sa 37 tal-process.
[10] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 tal-process.
[11] A fol. 58 sa 65 tal-process.

Fi kwalunkwe kaz, dan il-punt qed jigi kkunsidrat biss ghall-fini ta' kompletezza ghaliex l-imputazzjoni odjerna tirreferi ghat-12 ta' Frar 2010 u ghall-jiem ta' qabel din id-data, u ghalhekk tinkludi wkoll il-11 ta' Frar 2010.

L-imputat mhuwiex jikkontesta l-pussess tas-sustanzi in kwistjoni. Anzi kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, huwa jammetti li kien fil-pussess ta' bicca raza tal-*cannabis* u borza b'madwar 13-il pillola kulur roza skur bil-*logo* tal-qlub, li huwa jsejjhilhom *ecstasy*, izda jsostni illi dawn kienu ntizi biss ghall-uzu personali tieghu. Dak li qed jikkontesta l-imputat ghalhekk huwa l-aggravju tal-pussess fiz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan fis-sens illi skont hu, l-pussess tal-istess sustanzi da parti tieghu ma kienx wiehed aggravat.

Mill-provi prodotti, m'hemmx dubju illi fi triqtu lejn Ghawdex ghall-festi tal-Karnival, l-imputat instab fil-pussess ta' tlettax-il pillola kontenenti s-sustanza mCPP u bicca raza tal-*cannabis* f'piz ta' 29.04 grammi. Il-punti saljenti li johorgu mill-istqarrija tal-istess imputat huma s-segwenti:

1. Huwa jahdem f'*business* tal-familja.
2. Fil-jum ta' qabel, kien tiela' Ghawdex ghall-Karnival.
3. Jinnega illi huwa kien tiela' Ghawdex b'dawn is-sustanzi biex ibieghhom lil terzi jew jaghti minnhom lil shabu.
4. Huwa xtara hdax-il pillola fil-*weekend* ta' qabel minn go Paceville u ma kienx jaf li kellu tnejn izjed. Jghid illi "*Tellajt dawk il-pilloli mieghi ghax kont behsibni naghmel weekend ghawdex mal-hbieb w ikkalkulajt li jkolli ecstasy ghal uzu personali ghal tlitt ijiem. Fil-fatt jien f'lejla barra mal-hbieb meta jkolli aptit niehu anki sa erbgha jew hames pilloli tal-ecstasy w ghalhekk tellajt dak l-ammont mieghi biex ma ninqabadx minghajrhom.*
5. Hallas €10 ghal kull pillola.
6. Il-bicca raza tal-*cannabis* illi nstabet fil-pussess tieghu wkoll kienet ghall-uzu personali tieghu.
7. Mistoqsi kemm jikkonsma *joints* tar-raza tal-*cannabis*, huwa jghid illi "*fi tlitt ijiem, specjalment waqt xi ativvita bhal Karnival w tkun taht l-effett tal-ecstasy izzid fit-tipjip w fil-fatt nispicca nikkonsma hafna joints tar-raza tal-cannabis. Il-bicca li tellajt mieghi tellajt bicca naqra mdaqqsa l-istess bhal ecstasy biex ma ninqabadx Ghawdex minghajrha*".
8. Qatt ma ta mid-droga tieghu lil hadd.
9. Ma jhossx illi ghandu problema bl-*ecstasy* ghaliex kien jiehu minnha biss f'certi okkazzjonijiet. Kien ipejjep ir-raza regolarment fil-*weekends* ghax kienet tirrilassah.

10. Ghar-raza, huwa kien hallas €160.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid hekk:

1. Dak iz-zmien kien ghaddej minn perjodu difficli u kien imfixkel f'hajtu.
2. Kien il-*weekend* tal-Karnival u l-Gimgha wara nofsinhar kien tiela' Ghawdex ghal *weekend*.
3. Kien fil-kju sabiex jitla' Ghawdex u nqabad bid-droga mis-suldati – fuqu kellu tlettax-il pillola *ecstasy* u xi 30 gramma *cannabis*. Dawn kien ser itellaghhom mieghu ghal dawk l-erbat ijiem tal-Karnival, ghall-uzu personali tieghu.
4. Kien ikun hemm *party* kuljum u huwa kien jikkonsma bejn tlieta u erba' pilloli kuljum. Kellu dak l-ammont fuqu biex ma jinqabadx minghajrhom.
5. Dwar il-*cannabis*, huwa jghid illi meta kien ikun fuq l-*ecstasy*, kien juzaha biex jinzel mill-effett tal-pilloli u allura haseb ghal ammont ta' *cannabis* biex ma jinqabadx minghajrha ghal dawk l-erbat ijiem.
6. Kien jixtri l-*cannabis* f'dawk l-ammonti biex jipprova jiffranka l-flus ghaliex jekk tixtri inqas, tehodha oghla.
7. Dak iz-zmien kien ipejjep bejn zewg u tliet *joints* kuljum fost il-gimgha u fil-*weekend* "*kont inzid naqra fuq 5 u 6*". Jerga' jghid illi hemm tendenza kbira li taht l-effett tal-*ecstasy*, wiehed ifittex izjed u jkollu bzonn iktar "*u allura tpejjep hafna aktar*".
8. Bi 30 gramma, kien idum forsi tlieta jew erba' gimghat. Kien jahsiblu biex jiffranka.
9. Fiz-zmien tal-kaz, kien ilu xi erba' snin jiehu d-droga. Qabad kumpanija hazina u sfratta. Minn dakinhar li nqabad, il-genituri tieghu ghenuh biex joqghod il-boghod mid-droga u biddel hajtu kompletament. Izzewweg, kellu tifel u kien qed jistenna tarbija ohra, kellu xoghol stabbli u fetah negozju tieghu.
10. Jghid illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet kollha ghalih. Huwa dejjem xtara d-droga biss ghalih.
11. In kontro-ezami jghid illi l-*ecstasy* kien jehodha biss fil-*parties* okkazjonalment, forsi darbtejn jew tlieta fis-sena. Fil-bidu, ma kienx jiehu tlieta jew erba' pilloli f'lejl, izda wara erba' snin, zied id-doza.
12. Jikkonferma li r-raza li nstabet fil-pussess tieghu, kienet f'ammont ikbar minn dak li kellu bzonn ghal dak il-*weekend*.

Fir-rigward tan-numru ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tinnota illi dan mhuwiex ammont normalment assocjat ma' uzu personali. Biss il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat kien konsistenti fil-verzjoni moghtija minnu fl-istqarrija

tieghu *a tempo vergine* u fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri dwar x'kienet l-intenzjoni tieghu fir-rigward ta' dawn il-pilloli ossia illi dawn kienu intizi biss ghal uzu personali. Jirrizulta mill-provi illi dakinhar l-imputat kien fi triqtu lejn Ghawdex meta gie mwaqqaf mill-membri tal-Armata, kif jirrizulta wkoll illi dak il-*weekend* f'Ghawdex kien ser jigi ccelebrat il-Karnival u kien proprju ghalhekk illi kienu qeghdin isiru r-*road checks* in kwistjoni. Effettivament huwa risaput illi jitilghu hafna zghazagh Maltin gewwa Ghawdex ghall-festi tal-Karnival u li f'dawn il-*parties* ikun hemm id-droga. Tenut kont tal-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat, ghalkemm kif inghad dan m'huwiex ammont li solitament wiehed jassocjah ma' uzu personali, biss fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari fid-dawl tax-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut dwar il-konsum tal-pilloli *ecstasy* f'lejl, liema pilloli huwa jghid illi jixbhu hafna fl-effett taghhom il-pilloli mertu ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tara xejn inverosimili fil-verzjoni tal-imputat odjern. In oltre hemm nuqqas komplet ta' kwalsiasi prova ohra li tista' twassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni, fil-grad li trid il-ligi, illi l-pussess in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Jirrizulta biss ir-reat ta' pussess 'semplici' tal-istess medicina psikotropika u ristretta, liema reat huwa meqjus bhala kompriz u involut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tar-raza tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat, anke hawn, il-Qorti tqis illi dan mhuwiex ammont illi normalment jigi assocjat ma' uzu personali. L-imputat instab fil-pussess ta' 29.04 grammi raza tal-*cannabis* u ghalhekk meta wiehed jikkunsidra li doza tipika f'*joint* normalment hija ta' 0.2 grammi *cannabis*[12], dan ifisser illi l-imputat kellu bizzejjed *cannabis* ghal cirka 145 *joint*, li huwa ammont sostanzjali. Il-Qorti tinnota wkoll diskrepanza bejn il-verzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu u dik moghtija minnu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fis-sens illi fil-waqt illi fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi kien jaghmel uzu mill-*cannabis* regolarment fil-*weekends*, fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien jaghmel uzu minnha wkoll matul il-gimgha. Biss tenut kont ukoll ta' dak li jghid l-imputat kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu kif ukoll fix-xhieda tieghu, fis-sens illi kien ipejjep izjed meta jiehu l-*ecstasy*, li kien ser iqatta' xi erbat ijiem Ghawdex fejn kien ser jikkonsma l-*ecstasy*, kif ukoll illi kien ilu erba' snin jaghmel uzu mill-*cannabis* u illi r-raza misjuba fuqu ma kinitx intiza biss ghal dak il-*weekend*, illi l-verzjoni tieghu hija wahda plawsibbli, u tenut kont ukoll tal-fatt illi r-raza li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet bicca wahda shiha u mhux maqsuma f'diversi bicciet u in oltre li ma tirrizulta l-ebda prova ohra fl-atti li tista'

---

[12] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis*, pagna 96 *et seq*. Certament huwa dan illi ried ifisser ix-Xjenzat Godwin Sammut fix-xhieda tieghu u mhux illi dan huwa l-konsum normali ta' *cannabis* minn persuna f'gurnata.

twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-pussess da parti tieghu tal-istess raza kien wiehed aggravat, tqis illi t-tieni imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu wkoll ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Ghaldaqstant, l-imputat qed jinstab hati biss tal-pussess 'semplici' tar-raza tal-*cannabis*.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis fl-ewwel lok, illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern kienet wahda netta u li wara l-kaz, jidher illi l-imputat ma baqax jaghmel uzu mid-droga u li llum jghix hajja stabbli.

Mill-banda l-ohra, qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammont ta' pilloli u ta' raza ta' *cannabis* misjuba fil-pussess tieghu, liema ammonti ma kinux insinjifikanti.

Ikkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tqis illi piena ta' multa ghandha tkun piena idonea, b'dan illi f'dan ir-rigward il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, izda qed issibu hati biss tar-reati ta' pussess 'semplici' ta' medicina psikotropika u ristretta (mCPP) u pussess 'semplici' tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, liema reati huma komprizi u nvoluti fir-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah ghall-piena ta' multa kumplessiva ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti

ghas-somma ta' mija, sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€156.88). Tali spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT1 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat